**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 13 ta' Frar, 2017**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 173/2016**

**Nadia Al Tasha f'isimha proprju u**
**bhala legittima rapprezentanti**
**ta' binha minuri Hanibal Mamo**

**vs**

**Dr John Vassallo u Elton Mamo u**
**Rania Vella ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-4 ta' Marzu, 2016 li jghid hekk:

1. Illi il-minuri kif rapprezentat minn ommu l-attrici huwa werriet tal-mejjet Evan Mamo flimkien maz-zewg konvenuti l-ohra Elton Mamo u Rania Vella u dan skont testment datat 10 ta' Dicembru 2014 kopja ta' liema qed jigi esebit bhala Dok. A.

2. Illi l-imsemmi Evan Mamo miet fis-17 ta' Marzu 2015 skont ma jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt Dok. B.

3. Illi fl-imsemmi testment il-mejjet Evan Mamo kien iddispona illi kienet ix-xewqa tieghu li Dr John Vassallo jigi mahtur kuratur tal-minuri Hanibal Mamo sakemm dan jaghlaq l-eta ta' hamsa u ghoxrin sena.

4. Illi sussegwentement Dr John Vassallo kien ipprezenta rikors fil-15 ta' Settembru 2015 fil-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fejn talab li dik il-Qorti tawtorizzah sabiex jipprezenta n-nota opportuna li permezz taghha jaccetta l-wirt devolut lill-minuri Hanibal Mamo bil-beneficcju tal-inventarju u tipprefiggi terminu estiz sal-ahhar tas-sena korreti sabiex jigi redatt l-inventarju skont il-ligi.

5. Illi permezz ta' digriet tas-16 ta' Ottubru 2015 dik il-Qorti laqghat it-talba u ordnat li l-kuratur jiskrivi ipoteka legali bhala garanzija li jamministra tajjeb il-beni tal-minuri. Kopja tar-rikors u digriet jinsabu esebiti bhala Dok. C.

6. Illi fil-frattemp l-attrici inizzjat proceduri fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn talbet il-qsim tal-wirt u d-devoluzzjoni favur ta' binha tas-sehem tieghu spettanti mill-istess wirt. Din il-kawza ghandha citazzjoni numru 737/15 LSO.

7. Illi sussegwentement il-konvenut Dr John Vassallo rega' pprezenta rikors iehor fis-16 ta' Dicembru 2015 fejn talab il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) biex tikkonferma n-nomina tieghu bhala kuratur tal-minuri Hanibal Mamo.

8. Illi permezz ta' digriet datat 5 ta' Jannar 2016 dik il-Qorti laqghat it-talba tieghu. Kopja tar-rikors u digriet qed jigu esebiti bhala Dok. D.

9. Illi skont il-ligi taghna mhuwiex ammess li jinhatru tuturi jew kuraturi fejn il-minuri jinsab Malta u fejn il-genituri jew wiehed mill-genituri tieghu ghadhom hajjin ghaliex f'dak il-kaz id-dritt u obbligu ta' amministrazzjoni tal-gid tal-minuri jaqa' ex lege fuq il-genitur jew genituri. Dan johrog car minn qari tal-artikoli 91 u 233 tal-Kap. 16. Jigu nominati biss fl-assenza ta' setgha tal-genitur.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i) Tiddikjara illi l-minuri Hanibal Mamo huwa suggett ghas-setgha tal-genitur tal-attrici.

ii) Tiddikjara konsegwentement illi fic-cirkostanzi il-ligi ma tippermettix in-nomina ta' kuratur ghall-minuri Hanibal Mamo.

iii) Konsegwentement thassar, tirrevoka u tikkancella d-digrieti mahruga mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) numru 919/15 moghtija fuq talba ta' Dr John Vassallo fis-16 ta' Dicembru 2015 u fil-5 ta' Jannar 2016

u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Preliminarment illi l-kawza kif intavolata minn Nadia Al Tasha fil-kwalita ta' 'legitima rapprezentanti ta' binha minuri Hannibal Mamo' hija irritwali u nulla, fid-dawl tad-Digrieti vigenti tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) li kkonfermaw il-hatra tal-esponent l-Avukat John Vassallo bhala kuratur tal-minuri Hannibal Mamo.

Jinghad bir-rispett illi l-istess attrici messha pprocediet kontra kuratur specjali li jigi mahtur minn din l-Onorabbli Qorti biex, fic-cirkostanzi tal-istanza odjerna, jirrapprezenta l-interessi tal-minuri msemmi. Ghall-finijiet kollha tal-ligi l-attrici ma setghetx tipprocedi kif ghamlet daqslikieku d-Digrieti riferenzjati ma jezistux.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess jinghad illi fl-ghoti tad-Digriet taghha l-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) ipprocediet b'mod ghal kollox korrett sew fid-dawl tad-disposizzjoni testamentarja relativa tad-defunt Evan Mamo kif ukoll tal-artikou 136 tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti li tghid hekk:

Illi l-esponenti ghandhom jinhelsu mill-harsien tal-gudizzju ladarba r-rikorrenti Nadia Al Tasha ghazlet li tipprocedi fil-konfront tal-esponent l-Avukat John Vassallo, fil-kwalita tieghu ta' kuratur tal-minuri Hannibal Mamo, sabiex il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja li kkonfermat il-hatra tal-istess Avukat bhala kuratur tordna l-hlas tal-manteniment ghall-minuri msemmi; u dan ghaliex bl-azzjoni mittiehda kif qed jinghad fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja r-rikorrenti Al Tasha innewtralizzat, 'ipso facto' u ‘ipso iure', l-interess guridiku mehtieg ghall-prosegwiment tal-kawza odjerna.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici f’isimha u f’isem binha Hannibal Mano qed titlob dikjarazzjoni li binha Hannibal hu soggett ghas-setgha tal-genituri u konsegwentement mhux permess in-nomina ta’ kuraturi ghal minuri. Milqugha dawn it-talbiet qed titlob ir-revoka tad-digrieti tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja fejn Dr John Vassallo gie konfermat kuratur tal-minuri fit-termini tal-ahhar volonta ta’ missier il-minuri Evan sive Ivan Mamo.

**Fatti**

Ir-rikorrenti kienet mizzewga lil Evan Mamo li miet fis-17 ta’ Marzu 2015. Minn dan iz-zwieg kellhom tifel bl-isem ta’ Hannibal. Jirrizulta li Evan Mamo kellu zewgt itfal ohra minn zwieg precedenti. Evan Mamo ghamel testament datat 15 ta’ Dicembru 2014 fl-atti Nutar Joseph Tabone fejn halla bhala werrieta universali tieghu lil minuri Hannibal kif ukoll liz-zewg uliedu l-ohra u konvenuti f’din il-kawza. It-testatur ordna li bhala kuratur ta’ ibnu Hannibal, sakemm jaghlaq 25 sena, jinhatar Dr John Vassallo.

Fil-mori tal-proceduri Dr John Vassallo gie awtorizzat jaccetta l-wirt provenjenti mill-assi ereditarju ta' Evan Mamo ghan-nom tal-minuri Hannibal Mamo b'digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tas-16 ta' Ottubru 2015 u digriet iehor tal-5 ta' Jannar 2016 gie mahtur formalment bhala kuratur tal-minuri fit-termini tal-ahhar volonta tat-testatur.

Hi l-pretensjoni tal-attrici illi mhix ammess li jinhatru tuturi jew kuraturi fejn il-minuri jinsab Malta u fejn wiehed mill-genitur ghadu haj ghax f'dak il-kaz id-dritt u obbligu ta' amministrazzjoni tal-gid tal-minuri jaqa' ex lege fuq il-genitur il-haj. Huma jsostnu li dan jirrizulta minn qari tal-artikolu 91 u 233 tal-Kap. 16.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. L-artikolu 136(1) tal-Kap. 16 b'mod car u specifiku jghid:

> Il-genituri flimkien jamministraw il-proprjeta ta' uliedhom, imwielda jew le, hlief dik il-proprjeta li tigi ghand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wiehed mill-genituri jew minn terzi.

Dan l-artikolu filwaqt li ma jaghmilx distinzjoni minghand minn tigi l-proprjeta ghand l-ulied jghid b'mod inkonfondibbli illi l-amministrazzjoni ta' tali proprjeta tista' tigi mhollija lil terzi.

It-testatur kien car u inekwivoku meta fir-raba' artikolu tat-testment uzufruixxa ruhu mill-artikolu 136(1) tal-Kap. 16 biex jinkonferixxi l-amministrazzjoni tal-gid mholli minnu lil ibnu Hannibal f'idejn Dr John Vassallo sakemm il-minuri jaghlaq 25 sena. Dak li jikkontjeni t-testment ghandu jipprevali u jorbot erga omnes jekk hu konformi ma' dak li tippermetti l-ligi.

L-attrici qed targumenta li l-artikoli 91 u 233 tal-Kap. 16 juru mod iehor. Dan l-argument hu wkoll insostenibbli. Dawn l-artikoli qed jipprospettaw sitwazzjonijiet ben differenti. L-artikolu 91 qed jipprospetta l-kaz ta' wlied imwielda barra z-zwieg mhux soggetti ghas-setgha ta' missier u l-artikolu 233 jipprospetta l-kaz ta' tfal minuri ta' assenti mhux soggetti ghas-setgha tal-missier, fejn allura l-Qorti jkollha s-setgha tappunta kuratur. Dawn huma cirkostanzi fejn il-Qorti ghandha s-setgha tappunta kuratur u ma jxejjinx il-poter moghti mil-ligi lit-testatur biex jappunta kuratur

limitatament ghall-amministrazzjoni tal-beni tal-minuri provvenjenti minn assi ereditarju imholli mit-testatur lil minuri.

Ghalhekk it-tieni talba ghandha tigi michuda u konsegwentement anki t-tielet talba billi d-digrieti tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja saru ai termini ta' dak permess mill-ligi.

In kwantu ghall-ewwel talba attrici, din il-Qorti taghmel distinzjoni bejn is-setgha ta' testator li jappunta kuratur ghal minuri rigward assi ereditarji mholli minnu lil minuri u s-setgha tal-genitur li bl-ebda mod ma hi mittiefsa bl-artikolu 136(1) tal-Kap. 16. Is-setgha tal-genitur hi kondizzjonata u limitata biss f'dak li huma l-assi moghtija lil minuri f'testment soggetti ghall-amministrazzjoni ta' terzi skont l-istess testment, liema setgha ta' amministrazzjoni ma testendix ghal dawk l-assi. Ghal bqija japplika l-artikolu 135 tal-Kap. 16 cioe li l-genituri jidhru ghal uliedhom, imwielda jew le, fl-atti kollha tal-hajja civili u skont l-artikolu 146(1) jekk wiehed mill-genituri jmut is-setghat tal-genitur tghaddi biss ghand il-genitur li jibqa' haj dwar it-tfal tieghu u l-beni taghhom, maghduda beni li jghaddu ghand it-tfal mill-beni tal-genitur mejjet u minn kull kawza ohra wara li jkun miet l-ewwel genitur.

Il-Qorti ma tqis inkompatibilita bejn l-artikolu 136(1) u l-artikolu 146(1). Sakemm jigi ottemperat dak li trid il-ligi f'dak li huma formalitajiet legali mehtiega mill-genitur li jibqa' haj biex jigi konfermat fid-dritt tal-patria potesta, il-kuratur ma jistax jinjora jew jeskludi s-setgha tal-genitur fuq il-wild tieghu u l-beni tieghu u daqstant iehor il-genitur ma jistax jinjora x-xewqa tal-genitur il-mejjet li afda l-amministrazzjoni tal-wirt imholli lil minuri f'idejn kuratur minnu nominat.

Ghalhekk f'dan il-kuntest biss l-ewwel talba qed tigi milqugha.

**Eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku**

Maghdud dak hu car illi l-attrici kellha interess tistwixxi din il-kawza almenu safejn tirrigwarda l-ewwel talba u l-qies li fih ghandha tigi milqugha. Il-fatt illi hi agixxiet

kontra l-kuratur fil-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja ma jimplikax nuqqas ta’ interess f’dawn il-proceduri kif fuq kunsidrat u deciz.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni li l-attrici ma tistax tistwixxi l-kawza bhala rapprezentant legittima ta’ binha minuri minhabba li Dr John Vassallo gie nominat kuratur fl-amministrazzjoni tal-wirt tal-minuri provenjenti mill-wirt ta’ missieru**

Din l-eccezzjoni gia giet trattata u deciza fil-kawza Nadia Al Tasha bhala legittima rapprezentanti ta’ binha minuri Hannibal Mamo vs Elton Mamo u Rania Vella deciza fl-14 ta’ Lulju 2016 (737/2015LSO) fejn dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni sakemm ikunu saru l-formalitajiet legali mehtiega senjatament l-iskrizzjoni ipotekarja ai termini tal-artikolu 2038 tal-Kap. 16 fejn tigi konfermata li ghandha l-legittima rapprezentanza ta’ binha. Ghalkemm ma giex pruvat f’din il-kawza li sallum dan l-obbligu gie ottemperat, ma jfissirx li t-talba attrici almenu f’isimha u f’isem binha minuri ghal fini tal-ewwel talba taghha safejn twassal dik l-istess talba ghadha tigi michuda u qed tigi milqugha prevja ottemperanza mal-obblilgu legali fuq imsemmi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeda tilqa’ l-ewwel talba attrici fis-sens illi l-minuri Hanibal Mamo hu soggett ghas-setgha tal-genitur fil-persuna tal-attrici previa li l-istess tottempera ruhha mal-ligi biex tipprevali minn tali dritt, u tichad it-tieni u t-tielet talbiet attrici. L-ispejjez jithallsu terz mill-konvenuti u zewg terzi mill-attrici f’isimha personali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur